# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Distrett Naxxar**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paolo Camilleri**

**Illum, 19 ta' Frar, 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Paolo Camilleri ta' 60 sena, detentur tal-karta tal-identità numru 20156M, li permezz taghhom gie akkuzat talli nhar it-18 April, 2016, ghall-habta ta' 15.30hrs, fi Triq is-Salina, Naxxar, gewwa l-ghalqa tad-Dukkina,

1. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

2. Hebb ghal certu Giuseppe Camilleri ID No 449453(M) sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmillu hsara b' xi mod;

3. Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghel bl-awtorità tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil

Giuseppe Camilleri, fil-pussess ta' hwejgu b'xi mod iehor, kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor;

4. Naqas li jobdi l-ordnjiet legittimi moghtija lilu mill-Ispettur Roderick Spiteri, Ufficjal Pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu, jew ma halliex, jew fixkel, jew indahal lill-imsemmi Ufficjal, waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat il-provi prodotti;

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza, kif ukoll l-atti tal-kawzi li kienu mexjin maghha, u cioè, Pulizija vs Emanuel Camilleri, Pulizija vs Norbert Camilleri, u Pulizija vs Giuseppe Camilleri, u dana in vista ta' dak verbalizzat fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2019.

**Ikkunsidrat;**

**Provi Prodotti**

**PC 1151 C. Gatt** ipprezenta affidavit minn fejn jirrizulta li fit-18 ta' April, 2016, Norbert Camilleri, Manuel Camilleri u Paolo Camilleri rraportaw li huhom, Giuseppe Camilleri, kien qed jahsad il-qamh bit-*tractor* bin-numru tar-registrazzjoni AAO 581, liema ghalqa kienet tappartjeni lil Paolo Camilleri. Spjega li fl-ghalqa, il-Pulizija sabu lil Giuseppe u martu jahsdu l-qamh. Ikkonferma li l-Ispettur ta ordni lil Norbert Camilleri, Manuel Camilleri u Paolo Camilleri, biex ma jidhlux gol-ghalqa, izda meta kienu qed jigu mitkellma Giuseppe Camilleri u martu, dawn bdew jghidu li l-ghalqa hi taghhom, u li l-qamh kienu zerghuh huma. Spjega li f'dak il-hin, it-tlieta l-ohra dahlu gol-ghalqa, minkejja l-ordni tal-Ispettur, u Paolo beda jxejjer *handbag* li kellu f'idejh, mimli bil-pjanti u mapep tal-ghelieqi, fid-direzzjoni ta' huh Giuseppe. Spjega li qamet konfuzjoni, u kellha tingieb assistenza sabiex twaqqfet il-kommossjoni li nholqot.

**Spettur Roderick Spiteri** xehed li fit-18 ta' April, 2016, ircieva telefonata minn Emanuel, Norbert u Paolo Camilleri, li kien hemm Guzeppi Camilleri jahrat ghalqa li kienet taghhom. Qal li huwa mar fuq il-post u tkellem ma' min ghamel ir-rapport. Spjega li huwa tahom struzzjonijiet biex joqghodu hemmhekk, u ma jidhlux fl-ghalqa, halli jmur ikellem lil Guzeppi Camilleri. Spjega li huwa mar fl-ghalqa, izda l-ohrajn ma obdewhx, fis-sens li gew xorta qrib. Spjega li kien hemm hafna ghajjat miz-zewg nahat. Kienu kwazi gew fl-idejn. Spjega li Paolo kellu basket u ghamel moviment bih lejn Guzeppi. Spjega li ntalbet l-assistenza tal-RIU. Guzeppi Camilleri ma kellux mghazqa f'idejh.

**Giuseppe Camilleri** xehed li huwa jaqbel ma' dak li ntqal fl-affidavit ta' PC Gatt u max-xhieda tal-Ispettur. Spjega li dan sehh fis-sajf, u huwa kien qed jahsad l-ghalqa. Spjega li erba' xhur qabel, huwa kien zera' din l-ghalqa. Kiber il-qamh u mar jaqtghu. Sostna li din ir-raba' kien ilu jahdimha mill-2014. Sostna li l-filmat ezebit, mhuwiex rigwardanti dan l-incident, peress li meta jkun qieghed bit-*tractor*, huwa ma jzommx l-imghazqa. Dan l-incident, huwa kien bit-*tractor*, imma mhux bl-imghazqa. Huwa zera' l-qamh f'Ottubru.

In kontroezami, huwa kkonferma li l-qamh inzera' f'Ottubru 2015.

**Yvonne Camilleri** xehdet li hija mart Giuseppe Camilleri. Qalet li hija semghet lill-Ispettur jinforma lil Norbert, Emanuel u Paolo biex joqghodu barra mill-ghalqa, izda dawn injoraw l-ordni meta semghuha tghid li Norbert u Leli ma' ghandhomx x'jaqsmu xejn. Spjegat li Pawlu kellu *briefcase* u xejjirha ma' wicc ir-ragel. Spjegat li kellhom jintervjenu tal-RIU. Hija kkonfermat li hija kienet ma' zewgha meta zera' l-qamh f'din l-ghalqa. Hija sostniet li Dok GC 9 ittiehed minnha, u ttiehed zmien qabel dan l-incident.

In kontroezami, hija spjegat li dan ir-ritratt jista' jkun ittiehed meta kienet ghamlet ix-xita, ghax il-haxix kien già tela', jigifieri Novembru jew Ottubru. Qalet li ma tafx f'liema sena haditu r-ritratt. Ikkonfermat li meta jkun hemm bzonn, tiehu r-ritratti.

In riezami, hija sostniet li ma tiftakarx jekk dan ir-ritratt kienx mehud dakinhar li sar iz-zergha, liema zergha kiber, u sussegwentement inhartet dik l-ghalqa partikolari, u saret il-hasda f'April 2016, li dwarha nqala' l-incident.

**Norbert Camilleri** xehed li kien hu li cempel lill-Pulizija ghaliex Giuseppe kien qed jahsad il-qamh ta' Pawlu. Spjega li Pawlu kien talbu li jekk jarah qed jahrat jew jahsad il-qamh, huwa kellu jinfurmah. Spjega li huwa u missieru nghataw struzzjonijiet mill-Pulizija biex jibqghu fejn huma, izda Giuseppe beda jghajjat u jipprovokhom, billi jghid li hemmhekk, ir-raba' kollha tieghu, u huma dahlu fir-raba' fejn il-Pulizja biex jipprovaw ifehmu lill-Pulizija. Giuseppe izda, baqa' jaqbez fin-nofs u jghajjat li hawnhekk huwa jhallsu. Spjega li Giuseppe beda jgholli lehnu. Huwa kkonferma li dakinhar nhasad dak kollu li kien zera' Pawlu. L-ghalqa tinhadem minn Pawlu, u dejjem jispiccaw jaghmlu r-rapporti. Kull darba li raw lil Giuseppe go l-ghalqa, huma marru jaghmlu rapport.

**Paolo Camilleri** xehed li huwa ilu jahdem din l-ghalqa in kwistjoni minn mindu tahielu missieru. Hadd ma jahdimha hliefu. Huwa zera' l-qamh f'Novembru, u mbaghad hasdu Giuseppe. Spjega li dan hasad t'isfel, u mbaghad hasad tieghu wkoll, ghax ir-raba' qeghdin fejn xulxin. Sostna li l-Pulizija gew fuq il-post u staqsewh jekk ir-raba' kinitx irregistrata fuqu, u huwa mar igib il-karti. Baqa' jinsisti li huwa kien jahdem din l-ghalqa. Spjega li huwa kien staqsa lil Giuseppe kif kien dahal jahrat l-ghalqa tieghu, izda dan baqa' jahrat. Spjega li huh Giuseppe, beda jghidlu li hemmhekk ma kien tahulu hadd. Sostna li dan beda jghajjat kemm jiflah, u kompla jahrat u jahsad. Dak li hasadlu Giuseppe, jiswa madwar €500.

**Emanuel Camilleri** xehed li Pawlu ilu jahdem din l-ghalqa ghal madwar 40 sena. Ir-raba' ta' isfel jahdimha Giuseppi, imma din il-kawza hija dwar l-ghalqa ta' fuq. L-ghalqa ta' fuq dejjem inhadmet minn Pawlu. Il-qamh li nhasad waqt l-incident, kien gie mizrugh minn Pawlu. Sostna li huwa jaf b'dan ghaliex kien ra lil Pawlu jizirghu u hadlu ritratt. Huwa pproduca ritratt li skont hu, ittiehed f'Novembru 2015, liema ritratt ittiehed minn Norbert Camilleri, u juri lil Pawlu jsuq it-*tractor*. Spjega li hu jew Norbert cemplu ghall-assistenza tal-Pulizija fir-rigward ta' dan l-incident. Cemplu ghax Giuseppe kien qed jahsad il-qamh li zera' Pawlu. Spjega li huma stennew isfel, u l-Pulizija qalulhom biex joqghodu hemmhekk, izda Giuseppe beda jghajjat u jitkellem hazin. Spjega li anke huma ghajjtu min-naha taghhom.

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet**

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li gew ippruvati, kemm l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" [5.5.1995], ir-reat kontemplat fl-Artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"*common law*" Ingliza, kien jissejjah "*a breach of the peace*". Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni, meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu, jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat), dwar l-inkolumità fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil, jew minhabba l-possibilità ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs Paul Busuttil" [23.6.1994], imbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "*breach of the peace*" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli, li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet : "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.", kien qal hekk :-

"*Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil, gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992), jghidu:-

*"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term :*

*in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .*

u dik il-Qorti ziedet tghid li:-

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41-01).*

*U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-*

*"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04)."*

Mix-xhieda prodotta, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat kien wiehed mill-persuni li kien qieghed volontarjament, jikser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Gie ppruvat ukoll li huwa kien xejjer *hand bag* li kellu f'idejh fid-direzzjoni ta' Giuseppe Camilleri, u li kieku ma ntervjenix l-Ispettur, dan kien jispicca jolqot lill-istess Giuseppe Camilleri. Gie ppruvat ukoll lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat, minkejja li nghata ordni mill-Ispettur sabiex ma jidholx fl-ghalqa fejn kien hemm Giuseppe Camilleri, xorta wahda ghamel ta' rasu, u resaq lejn il-Pulizija meta dawn kienu qed ikellmu lil Giuseppe Camilleri.

Dan kollu jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija, kif ukoll mix-xhieda moghtija minn Norbert Camilleri, Emanuel Camilleri, Yvonne Camilleri, u kif ukoll mix-xhieda tal-istess imputat.

**Ikkunsidrat:**

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament ippreseduta, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-Art.85 tal-Kodici Kriminali, huma erbgha, u cioè :-

*(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta , ta' dan il-haddiehor;*

*(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*

*(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" [17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef" [6.6.95], "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn )*

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Jane D'Alfonso, intqal li:

*"Spjanati il-fattispecje tal-kaz in dizamina jinghad illi r-reat ta' raggion fattasi, regolat mill-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ghandu fil-qafas tieghu s-segwenti elementi ta' dritt kif stabbiliti fil-gurisprudenza b'mod kopjuz:*

*a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;*

*b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;*

*c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;*

*d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;*

*Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu. (Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell*

*Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u Pulizija vs Eileen Said, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.)*

*Għad dak li jirrigwarda l-kwistjoni tat-titolu u tal-pussess, jidher ukoll ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-proprjeta' li qed jippretendi jedd fuqu/ha. Ir-reat jista' jissusisti f'kaz ta sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-proprjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat. Infatti skont il-każ fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bongailas (Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001), il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:*

*L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl- ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll ilproprjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, jinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.*

*Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.*

*Ukoll fl-appell Pulizija vs John Vassallo (Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991), il-Qorti qieset illi:*

*'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur 8et8esso8n8ied illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'"*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex), Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Dennis Vella, deċiża fis-16 ta' Jannar, 2019, fejn intqal:

*"It-tieni akkuza kontra l-imputat hija bazata fuq l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 li jipprovdi li "Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd*

*iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur: - Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa."*

*Illi l-imputat gie akkuzat bl-hekk imsejha 'ezercizzju arbitrarju ta' pretenzjonijiet'. Din l-offiza giet klassifikata mill-legislatur taht delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Notes on Criminal Law fit-tieni volum tieghu qies dawn l-offizi bhala s-segwenti:*

*'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

*Fi kliem il-gurista Carrara "La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza 9et9ess all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti."*

*Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-ghan ahhari tal-legislatur kien li jipprotegi l-istatus quo kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. Huwa artikolu intiz biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex ma jhallix lil individwu privat jezercita setgha li fl-ahhar mill-ahhar tispetta lill-awtorita pubblika. Huwa ghalhekk li l-istess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodici Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Micallef, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l-artikolu:*

*"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni talġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi millprivat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun – għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili – iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tassetgħat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.*

*Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali."*

*Ezami dettaljat tal-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et preseduta mill-Imhallef W. Harding.*

*F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell identifikat l-erba' elementi li jridu jigu sodisfatti sabiex wiehed jkun jista' jitkellem minn sejbien ta' htija taht dan l-artikolu:*

*(a)L-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espresso jew prezunta ta' dan il-haddiehor. Il-gurista Carrara li hafna drabi jigi citat bhala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' raġion fattasi jispjega dan l-element bhala "un atto esterno che spogli altri di un bene che gode …" Ikompli jghid li "Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale."*

*(b)il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*(c) il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jaghmel di private braccio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika jew, fi kliem il-Crivellari, "la 10et10esso10n di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato";*

*(d)n-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.*

*L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li listess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika.*

*Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eileen Said u Il-Pulizija vs Vincent Cortis, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li "element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor, per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

*Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tidhol u tezamina l-kwistjoni dwar jekk il-proprjeta` hijiex tal-kwerelant jew le. Ghall-fini tar-reat ipotizzat fl-artikolu 85(1) huwa sufficjenti li kwerelant jgib il-prova li huwa ghandu xi forma ta' pussess jew inkella detenzjoni.*

*...L-istess principju gie rijaffermat fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Attard. Il-Qorti sahqet li: "Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux pussess tutelabbli tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali, sew minn wiehed ta' detenzjoni."*

*Ghalhekk ai fini ta' dan ir-reat u cioe dan ta' ragion fattasi il-pussess materjali jew detenzjoni huwa sufficjenti. Dan gie rikonoxxut ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Bezzina u Il-Pulizija v. John Cassar et. Fl-ewwel sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li: "Għall-finijiet tar-reat ta" ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi" (ara appell kriminali Il-Pulizija v. George Zahra). Min ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu il-pussess materjali ta"dak l-oġġett. Taħt l-artiklu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn li jiġi pruvat xi element ta" pussess aktar sostanzjali minn hekk"*

*Jehtieg wkoll li jkun hemm l-oppozizzjoni tacita jew 11et11esso talpersuna l-ohra. L-agent irid ikun jaf li dik il-persuna ghandha t-tgawdija ta' dak id-dritt u li dik il-persuna qed topponi espressament jew tipprezumi li ser topponi ghat-tnehhija ta' dak id-dritt. Din l- oppozizzjoni hija rikjesta sine qua non.*

*Fl-ahharnet kif irriteniet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali filkawza Il-Pulizija vs Gona Caruana sucitata "sabiex jirrizulta r-reat ta' ragion fattasi, l-intenzjoni sabiex jigi ezercitat dritt pretiz ghandu jkun akkompanjat bl-intenzjoni li dak li ghamel ghamlu billi agixxa bla ma ghamel rikors lejn l'awtorita Pubblika. Minkejja li l-kelma 'intenzjonalment' ma tinsabx fil-kliem tal-ligi, m'hemmx dubju li jrid ikun hemm tali ntenzjoni ghall-esistenza ta' dan ir-reat."*

Din il-Qorti tqies illi fil-kliem tal-ligi nfisha, biex jissussisti r-reat tar-ragion fattasi, jinhtieg li l-imputat "ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu." Fi kliem iehor jinhtieg att estern li jispolja lil haddiehor minn oggett li jkun qieghed igawdi. Jekk il-pussess ikun digà qieghed ghand l-imputat, u l-imputat jaghzel li jzomm dan il-pussess, ma jkun qieghed jaghmel l-ebda att estern li permezz tieghu inehhi l-oggett mill-pussess tat-terz u jimpussessa ruhu minnu. Fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Eileen Said, deciza fid-19 ta' Gunju, 2002, il-Qorti tal-Appelli Kriminali spjegat li:

*"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gia' ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li*

*jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol 5 para 2850):-*

*'L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Dwar dan il-punt, hemm ukoll dottrina u gurisprudenza Taljana dwar ir-reat ta' ragion fattasi li minnu l-legislatur Malti kien gie kjarament ispirat, li tghallem li z-zamma jew rifjut ta' konsenja ta' oggetti per se, ma twassalx ghal dan ir-reat ta' ragion fattasi. Skont il-Majno, "*E per parita di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplic e fatto di trattenere e rifiutarsi a restituire".(*Codice per il Regno d'Italia, Luigi Maino – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6).

Maino jaghmel referenza ghal Carrara u jissenjala li:

"*...non puo' costituire delitto di ragion fattasi la semplice continuazione di un possesso preesistente: qui continuat non attentat: occore la violazione del possesso altrui. L' atto esterno (costituente il reato di ragion fattasi) deve- cosi Carrara0 pirvare altri contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene, e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque, perche' la legge protegge lo statu quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto dell' Autorita' giudiziale. (L. Maino,* Commento al Codice Penale Italiano, Volume IV UTET Torino 1922).

Il-Qorti taghmel referenza ghal principji legali enunzjati mill-Professur Sir Anthony J Mamo, fejn qal:

"*The material element consists, as we have said in depriving another person of a right or thing he is enjoying. The offence, therefore, does not arise where the act consists merely in the retention of possession already enjoyed by the agent: Qui coninuat non attentat.* "

Tenut kont tal-principji legali fuq esposti, din il-Qorti ma tqisx li t-tielet imputazzjoni giet ippruvatha. F'din il-kawza, u fil-kawzi mismugha maghha, inghataw verzjonijiet konfliggenti ferm. Giuseppe Camilleri u martu jsostnu li din ir-raba' li Giuseppe Camilleri kien qieghed fiha dakinhar tal-incident, kienet fil-pussess tieghu, u huwa kien zeraghha f'Ottubru jew Novembru 2015, mentri l-imputat, flimkien ma' Norbert Camilleri u Emanuel Camilleri, jsostnu li din ir-raba' kienet ilha fil-pussess tal-

imputat Paolo Camilleri, ghal snin twal, u li kien proprju l-imputat li kien zeraghha. Il-Qorti tqis li minkejja dak li gie mressaq quddiemha, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, dwar min effettivament kellu l-pussess ta' dawn l-ambjenti in kwistjoni. Irrizulta li hemm kwistjonijiet ghaddejjin dwar ta' min hija proprjetà din ir-raba', u li kemm Giuseppe Camilleri, u kif ukoll l-imputat, iqisu li r-raba' hija taghhom, u li huma ghandhom il-pussess taghha. Mhijiex l-ewwel darba li kemm l-imputat, u kemm Giuseppe Camilleri, dahlu f'din ir-raba' biex ikomplu jsahhu l-idea li ghandhom f'mohhhom, li huma proprjetarji ta' din ir-raba', ad eskluzjoni tal-parti l-ohra.

Fil-kaz prezenti, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex iggib provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. dwar jekk Giuseppe Camilleri kellux effettivament, il-pussess ta' din ir-raba' ommeno, fiz-zmien meta sehh l-incident. Huwa minnu li gew pprezentati sett ta' ritratti Dok A u Dok B, li allegatament juru li Paolo Camilleri kien qed jizra' l-qamh fl-ghalqa in kwistjoni, fl-24 ta' Dicembru, 2015, izda fix-xhieda moghtija minn Emanuel Camilleri, dan isostni li l-qamh inzera' minn Paolo Camilleri f'Novembru 2015. Fuq l-istess ritratti, lanqas ma hemm imnizzel meta ttiehed ir-ritratt u minn min, ghalkemm hemm notamenti bil-*biro*, bid-data u hin tat-tehid tar-ritratt, li ma giet ikkonfermata mill-ebda persuna bil-gurament taghha. Is-*CD* b'filmat, ma jurix dak li sehh dakinhar tal-allegat incident mertu ta' din il-kawza, izda fih hemm diversi *videos* qosra li jidhru varji ingenji, li skont l-istess nota, gew inkarigati minn Giuseppe Camilleri sabiex jippakkja l-qamh. Mill-banda l-ohra, Yvonne Camilleri ssemmi ritratt, li mhux parti minn dawn l-atti, jew mit-tliet kawzi l-ohra mexjin ma' din il-kawza. In oltre, l-istess Yvonne Camilleri, ma kinitx taf meta ttiehed dan l-allegat ritratt, u ghalhekk, ftit li xejn jghin lit-tezi prodotta minn Giuseppe Camilleri. F'ghajnejn din il-Qorti, il-provi migbura fir-rigward ta' min kellu l-pussess ta' din ir-raba', kienu konfliggenti ghall-ahhar, b'tali mod u manjiera, li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tressaq provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli dwar jekk il-kwerelant kellux pussess ta' din ir-raba'. Il-Qorti sejra ghalhekk, tapplika l-principju *in dubio pro reo.*

Abbazi tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet akkuza migjuba kontrih.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, wara li rat l-Artikolu 85(1), Art 338(dd), Art 339(1)(d) u Art 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda ssib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni, u hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni, u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda komplessiva ta' hamsin Ewro (€50).

Magistrat Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur